# Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti 2017

Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew

PE 620.190/BUR/ANN

## DAĦLA

Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ilhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fil-pussess tagħhom sa mit-3 ta' Diċembru 2001.

Skont l-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament: *"Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru."*

Skont l-Artikolu 116(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Bureau tal-Parlament għandu jadotta r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

## DWAR IL-METODOLOĠIJA

Ir-rapport annwali tal-2017 tal-Parlament huwa mħejji abbażi tal-metodoloġija li ġejja:

- Ċifri dwar id-dokumenti kkonsultati u mitluba jirreferu għal dokumenti speċifikati biss;
- Applikazzjonijiet għal numri kbar ħafna jew numri indefiniti ta' dokumenti, li l-istituzzjoni ma setgħetx tidentifika, mhumiex riflessi fin-numri fuq dokumenti mitluba;
- Iċ-ċifri dwar l-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti jqisu żewġ tipi ta' applikazzjonijiet, għal dokumenti speċifikati u għal numru indefinit ta' dokumenti;
- Deċiżjonijiet ta' aċċess parzjali jingħaddu bħala reazzjonijiet pożittivi;
- Applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jkunu relatati ma' deċiżjonijiet inizjali li jirrifjutaw l-aċċess jew ma' deċiżjonijiet inizjali li jagħtu aċċess parzjali;
- Huwa l-jum ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni inizjali li jiddetermina s-sena tal-applikazzjoni konfermatorja korrispondenti.

## INDIĊI

*Sommarju Eżekuttiv* ........................................................ *4*

*KAPITOLU 1 APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AĊĊESS TAD-DOKUMENTI SKONT ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2017*.5

A) Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament ........5

B) Dokumenti kkonsultati u mitluba ........6

B.1) Dokumenti kkonsultati direttament ........6

B.2) Dokumenti mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni online jew b'email ....7

C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet ........8

D) Il-profili tal-applikanti ........ 11

*KAPITOLU II Xejriet u kwistjonijiet speċifiċi* ........ *14*

A) Applikazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji tal-Membri ........ 14

B) Il-każ ta' talbiet għal dokumenti relatati ma' sejħa għall-offerti u proċeduri ta' akkwist ........ 15

C) Konsultazzjoni ta' partijiet terzi ........ 16

*KAPITOLU III Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew u każijiet tal-Qorti* ........ *18*

A. Ilmenti ġodda ........ 18

B. Eżami Ġuridiku ........ 18

B.1) Kawżi Ġodda ........ 18

B.2) Sentenzi tal-Qorti ........ 19

*Kummenti Finali* ........ *21*

# Ir-Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-Aċċess Pubbliku tad-Dokumenti - 2017 (l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001)

## *Sommarju Eżekuttiv*

*Ċifri*

- In-numru ta' referenzi tad-dokumenti fir-reġistru pubbliku kompla jikber. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-bażi tad-data tar-reġistru kien fiha 683 846 referenza, meta mqabbla mas-647 903 sal-aħħar tas-sena ta' qabel.
- Fl-2017, l-utenti tas-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament ikkonsultaw 95 014 dokument direttament permezz tar-reġistru. Matul l-istess perjodu, il-Parlament irċieva, permezz tal-formola ta' applikazzjoni online jew b'email, 452 applikazzjoni li jinvolvu 725 dokument speċifikat, tnaqqis ta' 10 % meta mqabbel mal-2016.
- Mill-452 applikazzjoni, 84 involvew dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati lill-pubbliku.
- Fl-2017, ir-rata globali tar-reazzjonijiet pożittivi qabżet it-93 %.
- Il-Parlament irrifjuta li jagħti aċċess fi 30 każ, prinċipalment b'rabta mal-applikazzjonijiet għad-dokumenti relatati mal-Membri.

*Xejriet*

- Fl-2017, ċifri għall-applikazzjonijiet għal numru kbir ħafna jew numru indefinit ta' dokumenti (applikazzjonijiet li saru għad-"*dokumenti kollha relatati ma'*" suġġett partikolari, "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari, jew għal dokumenti li jkopru ċertu perjodu ta' żmien, eċċ) naqsu b'31 % meta mqabbla mas-sena preċedenti. It-tnaqqis sinifikanti seħħ wara żieda ta' tliet darbiet bejn l-2014 u l-2015.
- L-applikanti wrew interess b'saħħtu f'dokumenti relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet Ewropej matul l-2017. Madankollu, huma ssottomettew saħansitra aktar talbiet għal aċċess għal dokumenti b'rabta mal-infiq u mal-benefiċċji tal-Membri jew l-amministrazzjoni tal-Parlament, bħal dokumenti li jappartjenu għall-proċeduri ta' akkwist.

## KAPITOLU 1

## *APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AĊĊESS TAD-DOKUMENTI SKONT ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2017*

Minbarra li jagħtu lill-qarrej stampa wiesgħa tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 mill-Parlament matul is-snin, iċ-ċifri u l-istatistika dwar l-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti ppreżentati u diskussi f'rapporti annwali, inkluż f'dan ir-rapport, jippermettu l-identifikazzjoni tax-xejriet, tal-evoluzzjonijiet u tal-kwistjonijiet f'dan il-qasam.

### *A) Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament*

Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament jiġbor l-aktar referenzi għal dokumenti leġiżlattivi, u fejn possibbli, għal kategoriji oħra ta' dokumenti, direttament aċċessibbli. Ir-reġistru ġie stabbilit fl-2002 bil-għan li tiżdied aktar it-trasparenza u jsir aktar faċli għall-pubbliku biex jaċċessa d-dokumenti tal-Istituzzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

B'żieda ta' 6 % fuq sena qabel, sal-31 ta' Diċembru 2017, in-numru ta' referenzi tad-dokumenti fil-bażi tad-data tar-reġistru laħaq is-683 846 (li b'kollox jirrappreżentaw 4 384 273 dokument, filwaqt li jitqiesu l-bosta verżjonijiet tal-lingwi). Fir-reġistru pubbliku ma ġie rreġistrat l-ebda dokument sensittiv, fit-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

*(Fig. 1)* ***Evoluzzjoni tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament***



### *B) Dokumenti kkonsultati u mitluba*[1]

Kważi d-dokumenti kollha fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament jistgħu jitniżżlu direttament mis-sit web, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jipprevedi li l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu d-dokumenti tagħhom direttament aċċessibbli kemm jista' jkun. Dawk id-dokumenti li ma jistgħux jiġu kkonsultati direttament, jistgħu jsiru disponibbli fuq talba permezz tal-formola ta' applikazzjoni online[2] jew b'email.

### *B.1) Dokumenti kkonsultati direttament*

95 014-il dokument ġew ikkonsultati direttament fuq is-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament fl-2017. Ta' min jinnota li dik iċ-ċifra ma tqisx il-konsultazzjonijiet permezz ta' pjattaformi oħra marbuta mal-bażi tad-data tar-reġistru, bħall-pjattaformi tal-kumitati parlamentari u l-paġni web tal-Gruppi ta' Riflessjoni tal-Parlament.

Id-dokumenti li ġew ikkonsultati l-aktar frekwentament kienu: mistoqsijiet parlamentari għal tweġiba bil-miktub skont l-Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura (25.4 %), tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari (22.2 %), rapporti tal-kumitat (6.3 %), dokumenti riċevuti mill-Kummissjoni Ewropea (3.9 %).

*(Fig. 2)* ***Numru ta' dokumenti kkonsultati fuq ir-reġistru pubbliku tas-sit web tad-dokumenti tal-Parlament***




[1] Dawn iċ-ċifri jirreferu għad-dokumenti speċifikati biss
[2] https://www.secure.europarl.europa.eu/RegistreWeb/requestdoc/secured/form.htm?language=MT

### *B.2) Dokumenti mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni online jew b'email*

Fl-2017, 725 dokument speċifikat intalbu lill-Parlament permezz tal-formola ta' applikazzjoni online jew b'email. Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 10 % meta mqabbel mal-ammont ta' dokumenti speċifikati mitluba s-sena preċedenti.

Bħal fi snin preċedenti, iċ-ċifra ma tqisx l-applikazzjonijiet għall-aċċess għal numru indefinit ta' dokumenti, bħal talbiet għall-aċċess tad-"*dokumenti kollha relatati ma'* " suġġett partikolari, "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari, eċċ. Id-dokumenti kkonċernati minn dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux jiġu kkwantifikati għal skopijiet ta' statistika.

*(Fig. 3)* ***Numru ta' dokumenti speċifikati mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni online jew b'e-mail***



### C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet

Fl-2017, il-Parlament irċieva 452 applikazzjoni permezz tas-sistema tal-applikazzjoni online jew b'email. 341 minnhom ikkonċernaw dokumenti speċifikati, filwaqt li 101 ikkonċernaw numru indefinit ta' dokumenti u għaxra kkonċernaw konsultazzjonijiet interistituzzjonali skont il-"Memorandum ta' Qbil"[3] (ara l-Kapitolu II, C).

Kważi 22 % tal-applikazzjonijiet kollha riċevuti fl-2017 talbu aċċess jew għad-"*dokumenti kollha relatati ma*'" suġġett partikolari jew "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari. Ta' min jinnota li l-ammont ta' tali applikazzjonijiet għal numru indefinit ta' dokumenti, li jistgħu jieħdu ħafna żmien biex jiġu pproċessati, naqas b'31 % minn sena għal oħra.

Mill-452 applikazzjoni rċevuti fl-2017, il-Parlament wieġeb b'mod pożittiv f'422 każ. Din iċ-ċifra tinkludi 14-il każ li fihom aċċess għad-dokumenti mitluba ngħata parzjalment.

(*Fig. 4*) ***Numru ta' applikazzjonijiet u tweġibiet pożittivi***




Barra minn hekk, 84 talba mill-452 applikazzjoni tal-2017 involvew dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati lill-pubbliku.

[3] Il-Memorandum ta' Qbil konkluż mis-servizzi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex il-konsultazzjonijiet jiġu mmaniġġjati malajr skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Ħafna mill-applikazzjonijiet għal dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati kienu jikkonċernaw ix-xogħol politiku u t-talbiet tan-nefqa tal-Membri (26 %), l-amministrazzjoni tal-Parlament (23 %), il-finanzjament tal-partiti u tal-gruppi politiċi (15 %), l-opinjonijiet legali u l-proċedimenti tal-qorti (10 %) u n-negozjati bejn it-tliet partijiet (5 %).

Fl-2017, il-Parlament wieġeb b'mod pożittiv 54 darba mill-84 applikazzjoni għal dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati.

*(Fig. 5)* ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati u tweġibiet pożittivi***




Fl-2017, il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku għal dokumenti mitluba fi 30 każ permezz ta' deċiżjoni mill-awtorità kompetenti.

11-il applikazzjoni konfermatorja[4] ġew ippreżentati lill-Parlament wara li kien hemm rifjut fl-istadju inizjali. F'kull każ, l-istituzzjoni kkonfermat il-pożizzjoni inizjali tagħha.

[4] L-applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jkunu relatati ma' rifjut totali jew aċċess parzjali (Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001). Fl-2017, żewġ applikazzjonijiet konfermatorji ġew indirizzati fi tweġiba waħda.

Fi 17 mit-30 każ ta' rifjut, id-dokumenti mitluba kienu relatati mal-Membri. Disa' każijiet ikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-Parlament, tlieta kienu relatati mal-finanzjament tal-partiti u tal-gruppi politiċi, u każ wieħed ikkonċerna l-petizzjonijiet.

*(Fig. 6)* ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati u rifjuti***




Ir-rifjuti ta' din is-sena kienu prinċipalment ibbażati fuq il-protezzjoni obbligatorja tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni (Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), il-protezzjoni tal-opinjonijiet ġuridiċi (it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) u l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew legali (l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

(Fig. 7) ***Rata ta' użu ta' eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***




Bħala konklużjoni, ir-rata ta' reazzjonijiet pożittivi tal-Parlament fl-2017 baqgħet għolja, b'rata globali ta' reazzjonijiet pożittivi ta' madwar 93 %, u rata ta' reazzjonijiet pożittivi għal applikazzjonijiet li jinvolvu dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati ta' 64 %.

## *D) Il-profili tal-applikanti*[5]

L-akkademiċi u r-riċerkaturi għadhom jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' applikanti b'aktar minn 33 % tal-applikanti li jappartjenu għal din il-kategorija, segwit mis-settur tan-negozju, l-organizzazzjonijiet ambjentali u rappreżentanti oħra ta' interess, li flimkien jammontaw għal madwar 20 % tal-applikazzjonijiet. Il-ġurnalisti, li jammontaw għal 16 % tal-applikanti, jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' applikanti għal dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati.

Ix-xejra fir-rigward tal-firxa ġeografika tal-applikazzjonijiet fost l-Istati Membri tibqa' l-istess. Madwar 18 % tal-applikazzjonijiet oriġinaw mill-Belġju, il-pajjiż li għandu l-aktar applikazzjonijiet, segwit (f'ordni mill-kbir għaż-żgħir) mill-Ġermanja (15 %), Spanja (15 %), Franza (11 %) u l-Italja (10 %). In-numru ta' applikazzjonijiet minn pajjiżi terzi ammontaw għal madwar 4.6 % tat-total.

L-Ingliż baqa' l-ilsien l-aktar użat għall-applikazzjonijiet (55 %), segwit mill-Franċiż (13 %), il-Ġermaniż (11 %) u l-Ispanjol (4 %) wara xejriet simili bħal fis-snin preċedenti.

(Fig. 8) ***Profili tal-applikanti għall-aċċess tad-dokumenti fl-2017***

---

[5] Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fl-applikazzjonijiet tagħhom qiegħda tinġabar data dwar il-profili tal-applikanti. Madankollu, peress li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jirrikjedix li l-applikanti jipprovdu informazzjoni dwar l-identità tagħhom, ċertu numru ta' applikanti fil-fatt jagħżlu li ma jiżvelawx l-impjieg tagħhom; dan huwa l-każ b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet ippreżentati b'email

*(Fig. 8a)* ***Nazzjonalità***



*(Fig. 8b)* ***Professjoni***




*(Fig. 8c)* ***Lingwa***



## KAPITOLU II
### *Xejriet u kwistjonijiet speċifiċi*

Avvenimenti importanti fl-Unjoni Ewropea jew l-attivitajiet partikolarment importanti tal-Parlament iġibu 'l quddiem b'mod rikorrenti s-sehem tagħhom tal-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti. Għalhekk fl-2017, numru ta' applikazzjonijiet setgħu jintrabtu b'mod ċar mal-elezzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri jew ma' artikli fil-gazzetti dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej, li huwa suġġett li l-istampa speċjalizzata kopriet f'bosta okkażjonijiet dan l-aħħar. Madankollu, ix-xejriet ewlenin tas-sena ma kinux wisq l-espressjoni ta' avvenimenti puntwali bħal dawk ta' interessi fit-tul. Is-suġġetti bl-aktar applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti matul l-aħħar sena kalendarja kienu l-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji tal-Membri u kompiti amministrattivi partikolari tal-Parlament Ewropew, bħall-proċeduri ta' akkwist. Kif muri mill-proċedimenti reċenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li se jiġu diskussi hawn taħt, il-pubbliku rawwem interess fid-dokumenti u l-informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet għal bosta snin.

### *A) Applikazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji tal-Membri*

L-interess qawwi tal-pubbliku fl-aċċess tad-dokumenti jew l-informazzjoni dwar il-pretensjonijiet ta' benefiċċji u nfiq tal-Membri baqa' jippersisti fl-2017. 26 % tal-applikazzjonijiet kollha għal dokumenti li preċedentement ma ġewx iddivulgati kienu jappartjenu għal dik il-kategorija. Fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet li saru fis-seduti tal-qorti jew fil-formoli għal talba tal-applikanti, jidher li l-objettiv ta' tali applikazzjonijiet huwa li jżidu l-iskrutinju pubbliku fuq l-użu tal-fondi pubbliċi, inkluż il-benefiċċju għall-infiq ġenerali tal-Membri.

*Il-prattika tal-Parlament*

Bħala kwistjoni ta' prinċipju, hemm separazzjoni organika bejn il-Parlament u l-Membri eletti tiegħu. Għaldaqstant, mhuwiex fi ħdan il-kompetenza tal-istituzzjoni li tiddeċiedi jekk id-dokumenti personali, l-iskambji ta' emails, l-aġendi, l-ittri jew in-noti interni tal-Membri jenħtieġx li jiġu ddivulgati jew le. Dawn mhumiex dokumenti tal-Parlament. Madankollu, l-Artikolu 116(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jipprevedi li, għall-finijiet ta' aċċess tad-dokumenti, id-dokumenti mfassla mill-Membri individwali huma dokumenti tal-Parlament jekk jiġu diskussi skont ir-Regoli ta' Proċedura. Skont din id-dispożizzjoni, il-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji li l-Membri jissottomettu lill-Parlament għal rimborż isiru tabilħaqq dokumenti tal-Parlament u jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Iċ-ċittadini jew l-organizzazzjonijiet spiss jitolbu aċċess għal dawn id-dokumenti.

Fl-indirizzar tal-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti relatati mal-Membri, il-Parlament iqis l-Artikolu 116(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament u spiss japplika l-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu.

Il-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji jinkludu firxa ta' data personali kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001. U għalhekk, f'ħafna każijiet bħal dawn, il-Parlament għandu jirrifjuta l-aċċess għad-dokument fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-

individwi, kif inhu stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li għandu jinqara flimkien mar-Regolament (KE) Nru 45/2001[6].

L-approċċ tal-Parlament sabiex jiġu aċċessati d-dokumenti huwa appoġġjat mil-linji gwida deċiżi mill-Bureau fl-20 ta' Frar 2008 fuq il-bażi tal-aħjar prattiki osservati fil-parlamenti nazzjonali. Skont dawk il-linji gwida, tqassim iddettaljat tal-ammonti li fil-fatt tħallsu lil Membri individwali ma jsirux pubbliċi, għalkemm il-Membri jibqgħu liberi li jiddivulgaw l-informazzjoni li huma jixtiequ jaqsmu mal-pubbliku.

### B) Il-każ ta' talbiet għal dokumenti relatati ma' sejħa għall-offerti u proċeduri ta' akkwist

Xejra oħra tal-2017 li jistħoqqilha taqsima f'dan ir-rapport hija l-interess tal-pubbliku fl-aċċess ta' fajls ta' proċedura ta' akkwist. L-offerenti u xi drabi r-riċerkaturi jew il-ġurnalisti jintroduċu applikazzjonijiet għall-aċċess, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tad-dokumenti relatati mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Maż-żmien, dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet qajmu firxa ta' kwistjonijiet, li wħud minnhom ġew indirizzati, jekk mhux kompletament, għall-inqas parzjalment, fl-2017.

*Numru eċċessiv ta' dokumenti*

Bil-kontra ta' xi liġijiet nazzjonali, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni dwar applikazzjonijiet abbużivi jew li jkun ċar li ma jkunux raġonevoli. Madankollu, xi applikanti jirrikjedu aċċess għal dokumenti twal ħafna jew fajls kbar ħafna, u applikazzjonijiet kumplessi jistgħu jiġġeneraw piż amministrattiv kbir għall-istituzzjoni. L-immaniġġjar tagħhom spiss jirrikjedi xogħol ta' riċerka fil-fond, analiżi ddettaljata u l-involviment ta' diversi servizzi fil-Parlament.

F'tali sitwazzjonijiet, il-Parlament għandu l-għażla li jestendi l-iskadenza statutorja biex iwieġeb lill-applikant bi 15-il jum addizzjonali skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u li jikkonsulta b'mod informali mal-applikant biex isib soluzzjoni ġusta skont l-Artikolu 6(3) tal-istess Regolament. Madankollu, dawn l-opportunitajiet mhux dejjem kienu biżżejjed jew adegwati. Fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-applikant u l-Parlament biex jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tat-talba għal ammont ta' dokumenti fattibbli, s'issa ma kien hemm l-ebda mod ittestjat ġuridikament biex fil-fatt tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' piż amministrattiv kbir li involvew dawn it-talbiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, f'każijiet partikolari, fejn il-volum tad-dokumenti jew tas-siltiet li jkunu jridu jiġu ċċensurati kieku jirriżultaw f'ammont mhux raġonevoli ta' xogħol amministrattiv, il-prinċipju tal-proporzjonalità jippermetti li l-istituzzjonijiet jibbilanċjaw l-interess fl-aċċess pubbliku meta mqabbel mal-piż tax-xogħol ikkawżat mill-applikazzjoni. Din il-possibbiltà u l-kundizzjonijiet biex wieħed jirrikorri għaliha issa ġew rikonoxxuti u stabbiliti mill-Qorti fil-Kawża T-136/15, Evropäiki Dynamiki vs Il-Parlament. Din il-kawża kienet tikkonċerna applikazzjoni għall-aċċess tal-informazzjoni disponibbli kollha dwar it-talbiet kollha għal kwotazzjonijiet, li nħarġu mill-Parlament fil-lottijiet speċifiċi kollha relatati mal-kuntratt ta' qafas tal-IT.

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1–22

L-imħallfin ikkonfermaw li fejn ma jkun hemm l-ebda alternattiva għal valutazzjoni individwali tad-dokumenti mitluba, fejn tali eżaminazzjoni tinvolvi ammont ta' xogħol mhux raġonevoli, u fejn l-istituzzjoni tkun fittxet li tilħaq ftehim biex tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tat-talba iżda ma jirnexxilhiex, f'dak il-każ l-istituzzjoni tista' tirrifjuta aċċess b'mod validu għad-dokumenti fuq il-bażi ta' ammont ta' xogħol eċċessiv.

*Il-każ speċjali tad-dokumenti relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej*

Sabiex jirċievu l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea sabiex jiffinanzjaw il-funzjonament tagħhom matul eżerċizzju finanzjarju, il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jistgħu, bi tweġiba għal sejħa annwali għall-proposti, japplikaw għal għotja qabel ma jibda kull eżerċizzju finanzjarju.

Il-proċedura ta' finanzjament ġiet stabbilita oriġinarjament skont ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003, u r-regoli fil-kwistjoni pprevedew pubbliċità diretta ta' informazzjoni speċifika. B'mod konkomitanti, il-Parlament irċieva ħafna applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, għal dokumenti jew informazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-proċess ta' finanzjament, li d-divulgazzjoni tagħhom ma kinitx prevista b'mod espliċitu. Diversi minn dawk kellhom l-għan li jiksbu aċċess għad-dossiers tal-applikazzjonijiet ta' għoti tal-partiti politiċi. Id-dettalji tal-applikazzjonijiet ta' għoti u s-sensittività tal-informazzjoni li huma jinkludu huma tali li, fejn id-divulgazzjoni ta' applikazzjoni ntalbet skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Parlament normalment jikkonkludi li dawn ma jistgħux jiġu ddivulgati mingħajr ma jiġu kompromessi l-għanijiet u l-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni. Bħala konsegwenza, l-aċċess għall-applikazzjonijiet ta' għoti kellu jiġi rrifjutat sabiex jiġu protetti l-interessi kummerċjali tal-partiti jew tal-fondazzjonijiet, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Minn mindu r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 daħal fis-seħħ u ssostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 b'effett mis-sena finanzjarja 2018, l-affarijiet inbidlu. Ir-regolament il-ġdid mhux biss stabbilixxa l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (l-"Awtorità"), korp indipendenti li jimmaniġġja r-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet Ewropej, iżda pprovda wkoll pubblikazzjoni awtomatika ta' informazzjoni u dokumenti relatati ma' dawk il-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet direttament mill-Awtorità. Bħala riżultat, il-Parlament jistenna li n-numru ta' applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti dwar partiti politiċi u fondazzjonijiet se jonqos b'mod sinifikanti.

## *C) Konsultazzjoni ta' partijiet terzi*

Fejn il-Parlament jintalab, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, biex jivvaluta l-pubblikazzjoni potenzjali ta' dokument li għandu iżda li joriġina minn parti terza, il-Parlament jista' jkollu jikkonsulta lill-oriġinatur dwar il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tad-divulgazzjoni pubblika tad-dokument. Normalment l-awtur ta' dokument ikun jinsab f'pożizzjoni aħjar, mid-detentur okkażjonali tiegħu biex jivvaluta jekk dan jistax tabilħaqq jiġi ddivulgat.

*Konsultazzjonijiet interistituzzjonali*

Fejn il-parti terza tkun il-Kummissjoni jew il-Kunsill, il-Parlament jikkonsulta lill-parti terza skont Memorandum ta' Qbil speċifiku konkluż mit-tliet istituzzjonijiet fl-2002. U viċi versa,

skont dak l-istess memorandum, il-Parlament huwa kkonsultat mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill fejn huma jkunu ntalbu jiddivulgaw dokument li joriġina fil-Parlament.

It-tliet istituzzjonijiet impenjati taħt il-ftehim biex ilestu tali konsultazzjonijiet preliminari f'perjodu ta' żmien li jippermettilhom jiffinalizzaw l-immaniġġjar tal-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti fi żmien l-iskadenzi obbligatorji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Dan il-proċess jippermetti wkoll lill-istituzzjoni li timmaniġġja l-applikazzjoni tikseb fehim aħjar tad-dokumenti mitluba u l-interessi inkwistjoni qabel ma tieħu deċiżjoni. Fl-2017, il-Parlament kien involut f'għaxar konsultazzjonijiet skont il-Memorandum ta' Qbil.

*Konsultazzjoni ta' partijiet terzi oħra*

Fejn il-Parlament jintalab, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, biex jivvaluta l-pubblikazzjoni potenzjali tad-dokumenti li għandu iżda li ġew prodotti minn partijiet terzi għajr il-Kunsill jew il-Kummissjoni, il-Parlament huwa obbligat li jikkonsulta lill-partijiet terzi dwar il-ħruġ tad-dokumenti sakemm ma jkunx ċar li d-dokumenti għandhom jew ma għandhomx jiġu ddivulgati. Peress li dawk il-partijiet terzi ma impenjawx ruħhom espressament li jwieġbu għall-konsultazzjonijiet f'perjodu ta' żmien iddeterminat, dan ikkumplika l-immaniġġjar tal-applikazzjoni kkonċernata.

F'Lulju, kif ikkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni tagħha dwar il-Kawża C-213/15 P l-opinjoni li skontha s-sottomissjonijiet tal-qorti għandhom jitqiesu bħal kwalunkwe dokument ieħor għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Parlament irċieva applikazzjonijiet għall-aċċess tas-sottomissjonijiet kollha relatati ma' ftit proċedimenti li kien involut fihom il-Parlament. Dan wassal lill-Parlament biex iniedi sessjonijiet ta' konsultazzjonijiet għall-partijiet kollha li l-Parlament kellu s-sjieda tas-sottomissjonijiet tagħhom, inklużi dawk ta' diversi Stati Membri. Il-Parlament eventwalment ħareġ id-dokumenti mitluba dment li l-awturi tagħhom ikkonfermaw li dawn setgħu jiġu ddivulgati. Alternattivament, il-Parlament stabbilixxa, fuq il-bażi tal-eċċezzjonijiet għad-dritt tal-aċċess previst fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u fid-dawl tal-każistika, li s-sottomissjonijiet mitluba ma setgħux jiġu ddivulgati.

## KAPITOLU III
***Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew u każijiet tal-Qorti***

Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew u proċedimenti tal-qorti miġjuba b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Parlament tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 spiss huma opportunità għall-amministrazzjoni biex tirfina l-prattika tagħha f'aċċess għall-kwistjonijiet tad-dokumenti, indipendentement mill-eżitu tal-proċedura inkwistjoni. Dan il-kapitolu jirrapporta dwar l-ilmenti mressqa lill-Ombudsman fl-2017 u proċedimenti tal-qorti li għaddejjin.

### *A. Ilmenti ġodda*

- Ilment 611/2017 u Lment 895/2017

Ġurnalist li l-applikazzjonijiet tiegħu għall-aċċess tad-dokumenti li jinvolvu b'mod partikolari data personali ta' membri tal-persunal ġew irrifjutati, ressaq żewġ ilmenti lill-Ombudsman fir-Rebbiegħa tal-2017. Iż-żewġ ilmenti huma simili ħafna: L-ewwel wieħed jikkonċerna d-deċiżjonijiet tal-Parlament li jestendi l-perjodi ta' żmien biex jimmaniġġja t-talbiet tal-applikant, u l-fatt li l-Parlament ċaħad l-aċċess għal dokumenti speċifiċi. Fit-tieni wieħed, l-applikant allega, għal darb'oħra, li l-Parlament estenda indebitament il-perjodu ta' żmien biex iwieġeb, li l-Parlament b'mod żbaljat irrifjuta l-aċċess għal dokument speċifiku, u li l-Parlament jirreġistra xi dokumenti b'mod li mhux kompatibbli mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Is-servizzi tal-Ombudsman spezzjonaw id-dokumenti inkwistjoni fis-Sajf tal-2017. Attwalment, il-Parlament qed jistenna l-konklużjonijiet tal-Ombudsman.

- Ilment 1956/2017

F'Novembru, applikant issottometta lill-Ombudsman ilment b'rabta ma' applikazzjoni għall-aċċess pubbliku tad-dokumenti li jinvolvu data personali ta' membri tal-parlamenti Ewropej u nazzjonali. Minn dakinhar 'l hawn, l-inkjesta ngħalqet mingħajr il-ħtieġa ta' segwitu ulterjuri.

### *B. Eżami Ġuridiku*

### *B.1) Kawżi Ġodda*

Id-deċiżjonijiet tal-Parlament dwar l-aċċess għal dokumenti relattivament rari jiġu kkontestati. Din is-sena ġiet ippreżentata azzjoni unika f'annullament lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'Lulju, professur tad-dritt tal-Unjoni ressaq azzjoni f'annullament ta' deċiżjoni tal-Parlament tat-3 ta' April 2017 li permezz tagħha l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess pubbliku għal deċiżjoni tal-Parlament bid-data tat-8 ta' Lulju 2015 fuq il-bażi li din id-deċiżjoni tal-aħħar kienet hija stess qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti u li d-divulgazzjoni tagħha setgħet timmina l-proċedimenti tal-qorti (Kawża T-421/17, *Leino-Sandberg v Il-Parlament*).

### *B.2) Sentenzi tal-Qorti*

Fil-bidu tas-sena, kien hemm tliet kawżi pendenti li jinvolvu l-aċċess għal dokumenti u l-Parlament Ewropew: Kawża T-136/15, *Evropäiki Dynamiki vs Il-Parlament* (proċeduri ta' akkwist pubbliku), Kawża T-540/15, *De Capitani vs Il-Parlament* (dokumenti tat-trilogu), u Kawżi T-639/15 sa T-666/15, *Il-Ġurnalisti vs Il-Parlament* (Il-benefiċċji u l-infiq tal-membri). Il-Qorti organizzat seduta ta' smigħ f'kull waħda minn dawn il-kawżi matul is-sena u minn dakinhar 'l hawn ħadet deċiżjoni fil-Kawża T-136/15, *Evropäiki Dynamiki vs Il-Parlament* u l-Kawża T-540/15, *De Capitani vs Il-Parlament*.

1) *Kawża T-136/15 - Evropäiki Dynamiki vs il-Parlament*

F'din il-kawża, l-applikant talab lill-Parlament għal aċċess għall-informazzjoni disponibbli kollha li tikkonċerna t-talbiet kollha għal kwotazzjonijiet relatati ma' għadd ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti. Il-Parlament informa lill-applikant li, minħabba n-numru kbir ħafna ta' dokumenti li għandhom jiġu eżaminati individwalment, huwa ma setax jilħaq l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess għal dokumenti u ssuġġerixxa lill-applikant li tinstab "soluzzjoni ġusta" skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3) ta' dak ir-Regolament. L-applikant wieġeb b'mod negattiv għas-suġġeriment. F'dan l-isfond, il-Parlament irrifjuta l-aċċess għad-dokumenti mitluba kollha billi argumenta li l-ammont ta' xogħol involut fil-valutazzjoni tagħhom kien eċċessiv.
Il-Qorti kkonfermat il-pożizzjoni tal-Parlament li skontha istituzzjoni tista' tirrifjuta aċċess għal dokumenti fuq il-bażi ta' ammont ta' xogħol amministrattiv sproporzjonat. Il-Qorti stqarret li istituzzjoni tista' tabilħaqq tirrifjuta aċċess għal dokumenti fuq il-bażi ta' ammont ta' xogħol mhux raġonevoli dment li 1) l-ammont ta' xogħol irrappreżentat mill-eżaminazzjoni individwali tad-dokumenti mitluba ma jkunx raġonevoli, 2) l-istituzzjoni tkun ikkonsultat lill-applikant sabiex tfittex soluzzjoni ġusta u 3) l-istituzzjoni tkun investigat b'mod ġenwin l-għażliet konċepibbli l-oħrajn kollha għal eżaminazzjoni individwali.

Din is-sejba hija sinifikanti għal kawżi li diffiċli jiġu pproċessati fil-perjodi ta' żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

2) *Kawża T-540/15 - De Capitani vs Il-Parlament (dokumenti tat-trilogu)*

F'din il-kawża, l-applikant fittex annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-8 ta' Lulju 2015 biex jipprovdi biss aċċess parzjali għal żewġ dokumenti b'ħafna kolonni li huma relatati ma' negozjati interistituzzjonali pendenti dwar il-proposta leġiżlattiva għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ (Europol).

Il-Qorti organizzat seduta ta' smigħ f'Settembru 2017, u tat is-sentenza tagħha fit-22 ta' Marzu 2018.
L-imħallfin qiesu li l-Parlament ma werix li l-pubblikazzjoni sħiħa tat-tabelli b'ħafna kolonni mitluba qabel it-tlestija tal-proċedura leġiżlattiva kienet timmina serjament il-proċess leġiżlattiv. Konsegwentement, huma annullaw id-deċiżjoni tal-Parlament minħabba li dan ma tax raġunijiet.

3) *Kawżi T-639/15 sa T-666/15 Psara e.a. vs Il-Parlament (Il-benefiċċji u l-infiq tal-membri)*

F'Novembru 2015 ġew imressqa 29 azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali minn numru ta' ġurnalisti, wara d-deċiżjonijiet tal-Parlament li jirrifjuta li jagħti aċċess pubbliku għal dokumenti ta' sostenn dwar l-infiq u l-benefiċċji tal-Membri kollha fuq il-bażi ta' protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi.

In-numru ta' dokumenti mitluba kien fl-ordni ta' mijiet ta' eluf.
Mar-rifjut tal-Parlament li jaċċedi għat-talbiet, l-aktar fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi previsti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u anke fuq l-impossibbiltà li jiġi vvalutat in-numru tad-dokumenti mitluba biss, li ma tnaqqasx għal ammont ta' xogħol fattibbli, l-applikanti fittxew annullament quddiem il-Qorti Ġenerali. Is-seduta ta' smigħ saret f'Ottubru 2017. Is-sentenza hija mistennija fl-2018.

## *Kummenti Finali*

Bħalma żdiedu r-responsabbiltajiet tal-Parlament matul is-snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, żdied ukoll l-interess tal-pubbliku fl-istituzzjoni. In-nies issa huma aktar konxji u informati aħjar dwar il-fatt li l-Parlament jippubblika awtomatikament u direttament kważi l-materjal leġiżlattiv kollu prodott internament. B'mod korrelattiv, in-numru ta' talbiet żgwidati, għall-aċċess għal dokumenti li fil-fatt huma diġà pubbliċi, naqas, u t-talbiet saru aktar speċjalizzati. Ħafna applikanti, ġurnalisti jew riċerkaturi jfittxu aċċess għal rapporti interni u informazzjoni dwar il-kompiti amministrattivi tal-kamra. Dan il-fokus huwa mistenni li jippersisti, u saħasitra jiżdied bl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss tal-2019.

Fl-istess ħin, ir-rata ta' azzjonijiet f'annullament tad-deċiżjonijiet tagħha fil-kwistjoni u d-deċiżjoni favorevoli reċenti tal-Qorti fil-Kawża T-136/15 tindika li ġeneralment il-Parlament isib bilanċ korrett bejn id-dritt tal-aċċess għal dokumenti u l-eċċezzjonijiet għal dak id-dritt.